# Il-kurrikulu u l-ekwità bejn is-sessi

Carmel Borg

## Introduzzjoni

Id-dokument tal-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1999) iqis l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prinċipju bażiku li jqarribna lejn il-kunċett tal-ġustizzja soċjali. Il-grupp (2000) li ħejja r-rapport dwar "is-Sessi fil-Kurrikulu Nazzjonali" iqis il-kunċett ta' l-ekwità bħala prinċipju superjuri għal dak ta' l-ugwaljanza u, għalhekk, eqreb lejn il-likk tal-ġustizzja soċjali. Dan l-artiklu għandu l-għan li jissintetizza l-argumenti u l-isfidi ewlenin f'dan il-qasam, kif imfissra fid-dokumenti msemmija, u jissuġġerixxi numru ta' mistoqsijiet li skola tista' tinkludi fi proċess ta' awditjar intern dwar l-ekwità bejn is-sessi.

> "Il-kunċett ta' l-ekwità huwa prinċipju superjuri għal dak ta' l-ugwaljanza u, għalhekk, eqreb lejn il-likk tal-ġustizzja soċjali"

## Il-Kurrikulu Nazzjonali

Id-diskors tad-dokument tal-Kurrikulu Nazzjonali dwar is-sessi huwa msejjes fuq il-kunċett ta' l-ugwaljanza. Il-prinċipju numru 11 tad-dokument jafferma d-dritt ta' l-aċċess ugwali għall-programm bażiku edukattiv:

Is -sistema edukattiva, kif riflessa f'dan il-kurrikulu, għandha tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rispett sħiħ tad-diversità ta' bejniethom. Filwaqt li jirrikonoxxi d-differenzi bejn iż-żewġ sessi, u jħeġġeġ l-affermazzjoni ta' l-identità sesswali, dan il-kurrikulu għandu jsaħħaħ l-impenn tal-komunità edukattiva biex jiggarantixxi l-istess opportunitajiet liż-żewġ sessi (p.38)

Il-Kurrikulu jindika bl-aktar mod ċar li mhux se jkun hemm għalliema speċjalizzati li se jgħallmu s-suġġett ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-imsieħba li jiffurmaw il-komunità edukattiva, imnebbħin u ggwidati minn politika ċara, linji gwida u pjan ta' żvilupp għall-iskola, se jipparteċipaw b'mod attiv u sħiħ fit-twettiq ta' dan il-proġett edukattiv:

L-ugwaljanza bejn is-sessi mhix tema li l-iskola tista' tittratta f'iżolament, jew f'xi suġġett partikulari. L-ugwaljanza għandha titqies bħala tema interdixxiplinarja, li l-għalliema kollha jistgħu jittrattawha mill-perspettiva tas-suġġett tagħhom u jikkumbattu l-preġudizzji kif ukoll joffru mudelli ġodda (p.39)

It-taqsima dwar l-"Għanijiet Ġenerali" tkompli tikkomferma l-ħidma kolleġġjali li trid titwettaq biex jintlaħqu l-għanijiet fil-qasam ta' l-ekwità bejn is-sessi. Taħt it-titlu "It-Tisħiħ ta' l-Ugwaljanza Bejn is- Sessi", id-Dokument jagħtina ħjiel dwar x'tista' tagħmel l-iskola, fl-oqsma ta' l-għerf u t-tagħrif, l-ħiliet u l-attitudnijiet, biex tkattar il-kultura favur l-ekwità bejn is-sessi.

Biex il-kultura ta' l-ugwaljanza tkun rispettata, l-iskejjel iridu jaraw li l-għażliet pedagoġiċi, inklużi l-għażliet dwar il-kontenut u r-riżorsi edukattivi, ma jikkontradixxux dan il-prinċipju. Dan ma jfissirx li l-istudenti għandhom jitpoġġew f'kuntest artifiċjali fejn kull ma jaraw u jisimgħu huwa msoffi mill-impurita sesswali. Id-Dokument iqis il-qari kritiku ta' materjal mill-ħajja ta' kuljum ta' l-istudenti bħala l-aqwa pedagoġija f'dan il-qasam.

Huwa fatt magħruf li ħafna drabi l-istereotipi sesswali u problemi oħra f'dan il-qasam jissawru 'l hinn mill-periferija skolastika. Għalhekk, id-dokument tal-Kurrikulu jħeġġeġ lill-iskejjel biex l-istrateġija li jaddottaw f'dan il-qasam tkun waħda holistika. Din tfisser li l-iskola għandha sservi



*CARMEL BORG, Ph.D, is Senior Lecturer and Head, Department of Primary Education, Faculty of Education, University of Malta. He is also a member of the National Curriculum Council.*



photo: Ġorġ Mallia




ta' bażi ta' tagħlim għall-ġenituri u għal dawk kollha li jieħdu ħsieb it-tfal.

## Ir-Rapport tal-Grupp Speċjalizzat

F'Ġunju 2000, il-kumitat ministerjali maħtur biex jipproponi strateġija għall-implimentazzjoni tad-dokument tal-Kurrikulu Nazzjonali, organizza fis-sala ewlenija ta' l-Università konferenza nazzjonali dwar l-implimentazzjoni. Din il-konferenza serviet ta' inkubatur għall-ideat u vetrina għar-rapporti mħejjija minn gruppi speċjalizzati. Dawn il-gruppi tqabbdu mill-kumitat ministerjali biex jipproponu strateġiji ta' implimentazzjoni fil-qasam speċjalizzat tagħhom.

Grupp numru 16 ippreżenta rapport dwar "is-Sessi fil-Kurrikulu Nazzjonali". It-teżi ewlenija ta' dan il-grupp (2000) hija li mhux biżżejjed li nipprovdu opportunitajiet indaqs għas-sessi differenti. Il-prova ewlenija tas-suċċess ta' sistema edukattiva mnebbħa mill-prinċipju tal-ġustizzja soċjali hija r-rizultati miksuba matul u fi tmiem il-vjaġġ skolastiku. Għalhekk, il-grupp iħoss li l-kunċett ta' l-ekwità bejn is-sessi (riżultati indaqs) huwa superjuri għall-kunċett ta' l-ugwaljanza (opportunitajiet indaqs).

Tradizzjonalment, is-sistema edukattiva serviet biex tipperpetwa d-differenzi bejn is-sessi. Minkejja li l-kunċett ta' l-ugwaljanza nebbaħ ħafna mid-deċiżjonijiet fil-qasam ta' l-edukazzjoni, id-dieti skolastiċi differenti u l-għażliet bikrin baqgħu jkarkru d-diskriminazzjoni sesswali. It-tweġiba tal-grupp għal din ir-realtà hija politika ta' ekwità mibnija primarjament fuq l-idea ta' programm edukattiv komuni, li b'mod dinamiku jindirizza l-bżonnijiet tas-sessi differenti.

Il-grupp (2000) jipproponi l-kitba mill-ġdid ta' prinċipju numru 11 tad-dokument tal-Kurrikulu Nazzjonali biex jikkomforma mal-kunċett ta' l-ekwità. Għall-grupp, ekwità fil-qasam edukattiv tfisser: opportunitajiet indaqs fil-qasam tat-tagħlim; l-istess opportunitajiet fit-tagħlim tas-suġġetti u fit-tħejjija għal aktar edukazzjoni, xogħlijiet, karrieri u parteċipazzjoni ċivika/politika; aspettattivi għoljin; trattament ekwu; u promozzjoni ta' relazzjonijiet soċjali mibnija fuq ir-rispett.

Il-pjan propost minn dan il-grupp speċjalizzat huwa mifrux fuq medda ta' erba' snin u mqassam fi tliet fażijiet. Fil-qosor, il-pjan propost jinkludi:

l-ewwel fażi:

1. Il-Qafas Legali

2. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

- Żvilupp professjonali ta' l-ogħla uffiċċjali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni
- Kull dipartiment fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jħejji *mission statement* dwar l-ekwità bejn is-sessi
- titħejja politika dwar l-ekwità bejn is-sessi

3. Deċiżjoni dwar politika

Tittieħed deċiżjoni fil-livell Ministerjali u MATSEC dwar l-ammont ta' suġġetti li l-istudenti jitgħallmu fil-livell sekondarju (tnaqqis fin-numru ta' suġġetti)

4. Ħolqien ta' post ta' uffiċċjal inkarigat mill-ekwità bejn is-sessi

- twaqqif ta' kumitat li jinkludi uffiċċjali għolja - *ex officio*
- identifikazzjoni ta' nies li jaħdmu fil-qasam ta' l-ekwità bejn is-sessi, u tħejjija ta' direttorju ta' nies li jistgħu jipprovdu taħrig f'dan il-qasam

5. Żvilupp kurrikulari

- żvilupp professjonali ta' persuni involuti fl-iżvilupp tal-kurrikulu



photo: Ġorġ Mallia

*Is-sistema edukattiva, bil-limitazzjonijiet tagħha, tista' tikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' soċjetà aktar ekwa*

- linji gwida dwar l-eliminazzjoni ta' l-istereotipi sesswali (l-ewwel fażi)

6. Qafas li jiżgura li l-politika dwar l-ekwità tinfiltra kull programm tal-Kurrikulu Nazzjonali

7. Il-bidu ta' programm ta' appoġġ għall-iskejjel

8. Tisħiħ tal-prinċipju ta' l-ekwità fil-programm ta' l-istudenti-għalliema

It-tieni fażi

1. Żvilupp Professjonali

2. Żvilupp ta' linji gwida u kontinwazzjoni ta' l-iżvilupp professjonali ta' kull min huwa involut fl-iżvilupp kurrikulari (it-tieni fażi)

3. Żvilupp professjoanli ta' kategoriji differenti ta' għalliema

- għalliema tal-primarja
- koordinaturi tas-suġġetti
- guidance teachers
- librara u professjonisti oħrajn

4.Kunsilli ta' l-iskejjel

- programm ta' tagħrif
- programm għall-ġenituri

It-tielet fażi

1. Jitkompla l-programm ta' żvilupp professjonali

- għalliema fl-iskejjel primarji (it-tieni grupp)
- għalliema fl-iskejjel sekondarji

2. Twaqqif ta' kumitat li jevalwa s-sitwazzjoni fl-iskejjel

3. *Gender Audit*

4. Programm għall-ġenituri (it-tieni fażi)

**"L-irġiel u nisa m'humiex jgħixu kuntest soċjo-ekonomiku li jitrattahom b'mod ekwu"**

## Sistema ta' awditjar

Skola li trid tibni kultura msejsa fuq l-ekwità bejn is-sessi trid tibda minn analiżi serja ta' fejn tinsab fil-kontinwu ta' l-ekwità. B'sistema ta' awditjar intern , l-iskola tibni l-azzjoni tagħha fuq informazzjoni preċiża. Hemm ħafna mistoqsijiet x'wieħed jista' jistaqsi f'dan il-proċess ta' awditjar. Fil-lista ta' mistoqsijiet indirizzati lill-għalliema, l-iskola tista' tinkludi mistoqsijiet bħal:

- meta tipproduċi r-riżoris qiegħed/qiegħda toqgħod attent/a biex ma tipproġettx immaġni stereotipati tas-sessi differenti?

- meta tipproduċi r-riżorsi qiegħed/qiegħda tagħmel sforz biex tipproġetta liż-żewġ sessi f'azzjonijiet li jikkontradixxu l-aspettattivi tradizzjonali?

- meta tipproduċi r-riżorsi qiegħed/qiegħda toqgħod attent/a li tinkludi stampi ta' rġiel u nisa li qegħdin jesprimu firxa sħiħa ta' emozzjonijiet?

- Ir-riżorsi li tipproduċi qegħdin isaħħu l-idea li s-sessi differenti jistgħu jaħdmu flimkien f'kull qasam tal-ħajja?

- Fir-riżorsi tiegħek qiegħed/qiegħda tinkludi irġiel u nisa anzjani/b'diżabilità attivi?

- Qieġġed/qiegħda tagħmel sforz biex tinkludi lista ta' materjal għall-qari supplimentari li tirrifletti firxa tajba ta' rġiel u nisa minn kulturi differenti?

- Kien hemm xi okkażjonijiet fejn stajt intervjenejt b'mod kritiku u għażilt li tħalli l-affarijiet għaddejjin?

- Waqt it-tagħlim qatt għaddejt kummenti jew ċajt li jista' jitqies sessist fil-kontenut tiegħu?

- Taħseb li l-aspettativi tiegħek ivarjaw minn sess għall-ieħor? Jekk Iva, kif?

- Meta taqsam il-klassi fi gruppi, fuq liema kriterji tqassam lit-tfal?

- x'tip ta' kummenti qieġġed tikteb jew tgħaddi għall-istess xogħol?

- Meta tikritika x-xogħol, qiegħed/qiegħda tuża l-istess lingwaġġ mas-sessi differenti?

- Meta tfaħħar, qiegħed/qiegħda tfaħħar bl-istess mod u intensità?

- Kif twieġeb għal mumenti emozzjonali negattivi?

- Jekk torganizza attivitajiet waqt il-break dawn jipprovdu l-istess oportunitajiet lill-bniet u s-subien?

- Jekk qiegħed/qiegħda toganizza xi klabb fl-iskola tiegħek, dan it-tip ta' klabb qiegħed ikompli jirriproduċi jew jikkontradixxi l-isterotipar sesswali?

## Konklużjoni

Id-dokument tal-Kurrikulu Nazzjonali jwieġeb b'mod dirett għar-realtà soċjali tal-pajjiż. L-irġiel u nisa m'humiex jgħixu kuntest soċjo-ekonomiku li jitrattahom b'mod ekwu. Is-sistema edukattiva, bil-limitazzjonijiet tagħha, tista' tikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' soċjetà aktar ekwa. Il-kurrikulu jipprovdi l-aqwa kuntest politiku-pedagoġiku għall-għalliema biex jitrasformaw l-iskejjel f'siti ekwi u ġusti.

## Referenzi

Ministeru ta' l-Edukazzjoni (1999) *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien: Kurrikulu Minimu Nazzjonali.*

Mizzi, B., Callus, A., Chetcuti, L., Darmanin, M., Laiviera, R., Testa, S. u Vella, J. (2000) "Gender in the National Curriculum", f' J. Giordmaina (ed.) *Proceedings: National Curriculum on Its Way - A Conference on the Implementation of the National Curriculum, Malta 9th-11th June 2000*, Malta: Ministry of Education, Education Division, Faculty of Education, University of Malta.